**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 75 – IT-TLIETA 24 TA' LULJU 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi Sindku (wasal fis-5:54) |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fil-5.40) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier (wasal fis-6:04) |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier (wasal fil-5:32) |
| Skużati: | Clifford Galea | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Louise Mallia | Skrivana |

Is-SE informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-*internet*, kif ukoll fuq il-paġna ta' *facebook* tal-kunsill

**1. NUQQAS TA' QUORUM**

1.1. Saru l-5.30 u s-Sindku ddikjarat li ma kienx hemm *quorum* u l-laqgħa ma setgħetx tibda.

1.2. Fil-5.32 wasal il-Kunsillier Spiteri u l-laqgħa bdiet.

**2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

2.1. Is-SE informa li rċieva e-mail mingħand il-kunsillier Galea li ta raġuni talli ma setax jattendi.

2.2. Is-Sindku infurmat li l-Kunsillier Brincat avżaha li se jasal ftit tard.

**3. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

3.1. Il-minuti ta' Laqgħat nri 73 u 74 ġew ippreżentati u ġew meqjusin moqrija.

*3.2.* Il-minuti ta' Laqgħa nru 73 ġew approvatli wara proposta mill-Kunsillier Gatt, issekondata mill-Kunsilliera Cuomo.

*3.3.* Il-minuti ta' Laqgħa nru 74 ġew approvati wara proposta mill-Kunsillier Spiteri, issekondata mis-Sindku.

3.4. *Arising* mill-minuti ta' Laqgħa nru 73, punt 3.3, is-Sindku semmiet li kien hemm laqgħa ma' TM dwar il-proposta biex Triq Wied Anġlu tiġi *one-way,* fejn TM qalu li

għandhom isiru studji meta tibda l-iskola u ssir konsultazzjoni wara li joħroġ riżultat. Is-Sindku tenniet li għandu jkun hemm insistenza biex issir il-konsultazzjoni. Madanakollu l-Kunsill talab li t-tabelli għandhom jitneħħew immedjatament.

3.5. Saru s-5.40 u wasal il-Kunsillier Agius.

3.6. *Arising* minn punt 3.6 dwar *Street Art and Music Festival,* għandha ssir laqgħa mal-kordinatur biex ikunu diskussi aktar dettalji.

3.7. *Arising* minn punt 11.2, dwar il-qsari madwar l-istatwa ta' San Ġużepp, is-Sindku tkellmet mas-Sur Zammit Tabona li infurmaha li se jkun qiegħed jieħu ħsieb it-tisbieħ taż-żona*.*

*3.8.* *Arising* mill-minuti ta' Laqgħa nru 74, punt 3.1, is-Sindku assikurat li l-kordinatur qabel li waqt l-i*Street Art and Music Festival* mhux se jintużaw suġġetti kontroversjali kif issemma' waqt il-laqgħa.

*3.9.* *Arising* minn punt 3.2, se jkun hemm laqgħa ma' *Airport Impressions* biex jiġi diskuss il-possibiltà tal-organizzazzjoni ta' kunċert fin-Naxxar.

*3.10.* *Arising* minn punt 3.5 dwar il-*playing field,* għall-ftuħ se ssir plakka kommemorattiva bl-irħam, filwaqt li l-plakka l-qadima se tiġi mnaddfa u rrestawrata. Skont il-perit, id-drenaġġ għandu jkun lest sal-aħħar tal-ġimgħa. L-irħama se tiswa €480+VAT filwaqt li r-restawr tal-qadima se jiswa €70+VAT.

*3.11.* *Arising* minn punt 3.15 dwar l-inċineratur. Is-SE semma' li kien ipprepara *Press release* li bagħatha għall-kummenti tal-Kunsilliera, però ma kellux risposti mingħandhom allura ma ntbagħtitx. Is-Sur Gatt rega' qraha biex ifakkarhom x'fiha u din ġiet approvata u issa tista' tintbagħat.

*3.12.* *Arising* minn punt 3.19 dwar il-ġita tal-Bulgarija f'Ottubru, is-Sindku stqarret li tixtieq li kieku jistgħu jiġu l-Kunsillieri kollha għalhekk talbet li min jista' u jixtieq jiġi jinfurmaha minħabba li jrid isir il-*booking*.

*3.13.* *Arising* minn punt 3.21, is-Sindku irringrazzjak u awgurat lill-Kunsillier Sciberras għall-organizzazzoni tal-attività tal-programm tal-PBS għas-semi-final tal-World Cup li għalkemm ma kienx hemm attendenza kbira xorta waħda kienet organizzata tajjeb u marret sewwa.

*3.14.* *Arising* minn punt 3.24 dwar il-*community van* is-Sindku infurmat li l-i*stickers* huma kważi lesti. Tenniet li għandu jkun hemm linja diretta għal min irid jordna s-servizz kif ukoll li dan irid ikun dejjem miżmum nadif. Instabu ż-żewġ xufiera li hemm bżonn u l-loġistika hija ppreparata. Hi ssuġġeriet li jiġi varat nhar it-Tlieta 14 ta' Awwissu. Għandha tkun ordnata staffa għall-konvenjenza tal-anzjani biex jitilgħu fih bil-kumdità.

*3.15.* *Arising* minn punt 3.25 dwar il-ġnien fi Triq il-Forġa, is-Sindku infurmat li-xogħol beda.

*3.16.* Saru s-5.55 u wasal il-Kunsillier Sammut

*3.17.* Fis-6.05 wasal il-Kunsillier Brincat

## *4.* KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1. Is-Sindku semmiet li fit-2 ta' Lulju kellha laqgħa tar-Reġjun.

4.2. Fil-5 ta' Lulju attendiet għall-preżentazzjonijiet ta' premjijiet organizzata minn Green *Pak*. Hawn innutat li l-kunsill ma rebah xejn u għalhekk tenniet li għandu jkun hemm sforz akbar mill-kunsill li għandu wkoll joħroġ b'xi ideat iżjed innovativi.

4.3. Fis-7 ta' Lulju kien hemm hemm il-Laqgħa Plenarja tal-Kunsilli Lokali fejn magħha attendew ukoll il-Kunsilliera Spiteri, Gatt u Cuomo kif ukoll is-SE.

4.4. Fid-9 ta' Lulju kien hemm laqgħa mal-ADI dwar il-*policy* tal-Imwejjed u Siġġijiet.

4.5. Fl-10 ta' Lulju kien hemm l-attività tal-PBS imsemmija iżjed 'il fuq.

4.6. Fit-13 ta' Lulju saret laqgħa ma TM dwar *upgrading* ta' Triq tal-Balal li se titwessa u tkun irranġata biex it-traffiku jimxi aħjar.

4.7. Fis-16 ta' Lulju, is-Sindku kellha laqgħa ma' *Malta Textile Recycling* fejn ppreżenta kuntratt li jorbot lill-kunsill għal 3 snin u jkollu esklusività. Dan ma ġiex aċċettat u qabel li jneħħi dawn il-klawsoli mill-kuntratt. Hu avża wkoll li fi żmien 6 ġimgħat bi ħsiebu jbiddel il-kulur tal-boroż.

4.8. Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa ma *Vassallo Industrial Park* fejn ġie iffirmat il-kuntratt dwar il-*Planning Gain*. Il-kuntratt ġie emendat minn 3 snin għal sentejn u wara għal sena biex jitlesta x-xogħol mill-ħruġ tal-permess.

4.9. Il-Kunsillier Brincat semma' li għandu jkun hemm attivitajiet abbinati ma' Skola Sajf. Issemmew għazliet bħal: dawra kulturali jew attività mal-anzjani tad-*Day Centre* jew żjara tal-Għaqdiet tan-Naxxar biex jaraw il-preparamenti li jkunu qed isiru għall-żmien il-festa. Il-Kunsiller Brincat għandu jieħu ħsieb jikkordina bl-għajnuna tal-Kunsillieri Gatt, il-Viċi Sindku u s-Sindku.

4.10. Il-Kunsilllier Brincat semma' l-binja li hemm fi Vjal il-Labour 'il fuq mill-BOV. Ix-xogħol jidher wieqaf filwaqt li għad hemm il-ħajt li qed jieħu biċċa mill-bankina. Tenna li għandu jkun iċċekkjat u jekk hemmz bżonn li tittieħed azzjoni.

4.11. Dwar il-ftuħ tal-*playing field* kien suġġerit li ssir logħba *football* fil-31 ta' Lulju fis-6.30 ippreċeduta minn logħob għat-tfal.

4.12. Is-Sindku infurmat li kellha ilment dwar *The Mill gastropub.* Hi spjegat kif dan mhux talli ma mexiex mal-kundizzjonijiet tal-permess talli lanqas biss kellu l-permess f'idejh għax ma kienx laħaq tela' mingħand il-Pulizija. Semmiet ukoll kif il-pulizija m'għamlux xogħolhom sew għax billi urihom biss sempliċiment irċevuta għalihom kien biżżejjed biex jaħsbu li għandu permess li juri li lanqas biss jafu kif ikun permess. Is-SE jinsab urtat għall-fatt li il-LESA ġabu skuża li kellhom jissejħu dakinhar biex ikunu jistgħu iħarrku avolja kellhom il-provi tar-ritratti li wrew biċ-ċar l-inkonvenjent u l-periklu li nħoloq meta tpoġġew imwejjed u imbrelel saħansitra fil-*bus bay.* Kien hemm qbil li għandha tintbagħat komunikazzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-LESA fejn tinforma li la l-LESA u lanqas il Pulizija m'għamlu dmirhom sew. Ipproponiet is-Sindku u ssekonda l-Kunsillier Sciberras.

## *5.* TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

5.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## *6.* KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

6.1. Is-SE ippreżenta ir-rapporti finanzjarji

6.2. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata wara proposta mill-Kunsillier Brincat issekondata mill-Kunsillier Agius.

6.3. L-iskeda tad-dħul ġiet approvata wara proposta mill-Kunsilliera Cuomo issekondata mill-Viċi Sindku.

6.4. L-iskeda ta' ordnijiet ġiet approvata wara proposta mill-Kunsillier Spiteri issekondata mill-Kunsillier Sciberras.

6.5. L-infiq mill-*Petty Cash* ġie approvat wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Spiteri

6.6. Dwar infiq ieħor, is-SE informa li kellu jinxtara AC unit għall-uffiċċju amministrattiv ċentrali li ma baqax jaħdem. Dan ġie approvat wara proposta mill-Viċi sindku issekondat mill-Kunsillier Gatt.

6.7. F'dan Il-ħin intfew l-*microphones* biex il-kunsill għadda fi stadju ta' kumitat u jkun jista' jiddiskuti il-pagamenti dovuti għall-kuntratt tat-tindif tat-toroq. Hawnhekk inqrat il-komunikazzjoni li saret mal-avukat.

6.8. Saru s-18.33 u l-Kunsilliera Cuomo telqet mill-laqgħa minħabba impenji oħra li kellha.

6.9. Fis-18.55 reġgħu inxtegħlu l-microphones biex il-kumitat reġa' għadda fi stadju ta' kunsill. Id-deċiżjoni kienet li l-kuntrattur jiġi infurmat bid-drittijiet li għandu il-Kunsill għall-kumpens li min-naħa tiegħu jaċċetta li jsiru kontraproposti min-naħa tal-kuntrattur. Il-każ wara għandu jgħaddi lill-Kumitat tal-Finanzi.

### *7.* RAPPORT MILL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

7.1. Billi l-Kunsilliera Cuomo ma kinetx għada preżenti ir-rapport inqara mis-SE. Ittieħdet deċiżjoni mill-Kumitat li jitneħħew l-iskips il-ħodor f'BIC. Dawn kienu qed jiġu abbużati u la sa Settembru irid jibda s-separazzjoni tal-*organic waste* ma fadalx raġuni għalfejn għandhom jibqgħu hemm. Ir-residenti għandhom jiġu infurmati u kien suġġerit li jkun hemm laqgħa mal-*Wasteserv* biex ikunu jistgħu jagħtuhom spjega dwar dan u jħeġġu lin-nies biex jagħmlu l-kompost.

### *8.* RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-ILMENTI

8.1. ir-rapport ġie meqjus moqri u ġie approvat wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Sciberras.

### *9.* RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI

9.1. ir-rapport ġie meqjus moqri u ġie approvat wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Agius.

### *10.* MOZZJONI DWAR SPEZZJONI FUQ IS-SIĠAR

10.1. Il-mozzjoni proposta mill-Kunsillier Spiteri ġiet moqrija u ssekondata mis-Sindku. Ġew avviċinati l-ELC li ma jixtiequx jieħdu r-responsabbiltà totali u qed jistennew mill-Gvern biex jifforma *task force* ta' esperti biex isiru spezzjonijiet professjonali u jimxu skont ir-rapport.

### *11.* MOZZJONI DWAR IL-BŻIEŻAQ TAL-ELJU

11.1. il-mozzjoni proposta mill-Kunsilliera Cuomo ġiet moqrija u ssekondata mis-Sindku. Kien hemm qbil unanimu li għandha tiddaħħal bħala kundizzjoni fil-permessi tal-festa biex ma jinbiegħux bżieżaq tal-elju.

### *12.* TISMIJA TA' TOROQ

12.1. Is-SE qara l-email li kien bagħat dwar il-laqgħa li saret mal-kumitat tat-Tismija tat-Toroq. Il-Kunsillier Brincat ippropona li tissemma' triq għal Kalċidon Agius u oħra għan-Nutar Spiteri. Għandhom jgħaddu xi proposti ġodda lis-SE.

### *13.* L-OUTDOOR GYM

13.1. Il-perit il-ġdid ippreżenta proposti li ġew aċċettati mill-Kunsill.

## 14. BORD TAL-GĦAŻLA ĠIEĦ IN-NAXXAR

14.1. Għandha tintbagħat tfakkira għall-proposti ta' ismijiet għall-bord.

## 15. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

15.1. Qabel tmiem il-laqgħa ġie deċiż li l-kiri tal-football pitch jiġi diskuss fl-aġenda li jmiss. Il Kunsillier Sciberras informa li l-Każin tal-f*ootball* jixtieq jorganizza attività fil-*ground* u l-Kunsill qabel li jżommlux flus.

15.2. Il-laqgħa aġġornat fit-8.55 u data proposta għas-seduta li jmiss hija nhar it-Tlieta 21 ta' Awwissu.

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**